MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1673/2002

**Carmel sive Charles Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Lawrence Cassar u Connie Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm872.95), u fejn intqal:**
**Illi fit-3 ta' Dicembru, 1999 inhargu diversi kambjalijiet minn Lawrence u Connie Cassar favur Charles Bianco ghall-ammont ta' wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm51.35) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenuti naqsu li jhallsu sbatax-il kambjala li**

**mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Mejju, 2000 u Novembru, 2001;**
**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm872.95) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi il-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta'  John Sultana ghall-attur li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm872.95) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita` ta' kull kambjala relattiva sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**